DEĊIŻJONIJIET

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2017/2161

tal-20 ta' Novembru 2017

li temenda d-Deċiżjoni 2014/486/PESK dwar il-Missjoni ta' Konsulenza tal-Unjoni Ewropea għar-Riforma tas-Settur tas-Sigurtà Ċivili fl-Ukrajna (EUAM Ukraine)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 28, l-Artikolu 42(4) u l-Artikolu 43(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

(1) Fit-22 ta' Lulju 2014, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2014/486/PESK ([1]) dwar il-Missjoni ta' Konsulenza tal-Unjoni Ewropea għar-Riforma tas-Settur tas-Sigurtà Ċivili fl-Ukrajna (EUAM Ukraine).

(2) Fit-3 ta' Diċembru 2015, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2015/2249 ([2]), li testendi l-mandat sat-30 ta' Novembru 2017 u biex l-EUAM Ukraine tingħata ammont ta' referenza finanzjarja sat-30 ta' Novembru 2016.

(3) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2016/712 ([3]) adattat l-ammont ta' referenza finanzjarja għall-perijodu sat-30 ta' Novembru 2016, u d-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2016/2083 ([4]) pprevediet ammont ta' referenza finanzjarja għall-perijodu mill-1 ta' Diċembru 2016 sat-30 ta' Novembru 2017.

(4) Jenħtieġ li wara r-Reviżjoni Strateġika tal-2017, l-EUAM Ukraine tiġi estiża sal-31 ta' Mejju 2019.

(5) Jenħtieġ li jiġi previst ammont ta' referenza finanzjarja għall-perijodu mill-1 ta' Diċembru 2017 sal-31 ta' Mejju 2019.

(6) Għalhekk, jenħtieġ li d-Deċiżjoni 2014/486/PESK tiġi emendata skont dan.

(7) L-EUAM Ukraine ser titwettaq fil-kuntest ta' sitwazzjoni li tista' tiddeterjora u li tista' timpedixxi l-kisba tal-objettivi tal-azzjoni esterna tal-Unjoni kif stabbilit fl-Artikolu 21 tat-Trattat,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Id-Deċiżjoni 2014/486/PESK għandha tiġi emendata kif ġej:

(1) fl-Artikolu 14, il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. L-ammont ta' referenza finanzjarja maħsub biex ikopri n-nefqa relatata mal-EUAM Ukraine sat-30 ta' Novembru 2014 għandu jkun ta' EUR 2 680 000.

L-ammont ta' referenza finanzjarja maħsub biex ikopri n-nefqa relatata mal-EUAM Ukraine għall-perijodu mill-1 ta' Diċembru 2014 sat-30 ta' Novembru 2015 għandu jkun ta' EUR 13 100 000.

L-ammont ta' referenza finanzjarja maħsub biex ikopri n-nefqa relatata mal-EUAM Ukraine għall-perijodu mill-1 ta' Diċembru 2015 sat-30 ta' Novembru 2016 għandu jkun ta' EUR 17 670 000.

([1]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/486/PESK tat- 22 ta' Lulju 2014 dwar il-Missjoni ta' Konsulenza tal-Unjoni Ewropea għar-Riforma tas-Settur tas-Sigurtà Ċivili fl-Ukrajna (EUAM Ukraine) (ĠU L 217, 23.7.2014, p. 42).

([2]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2015/2249 tat-3 ta' Diċembru 2015 li temenda d-Deċiżjoni 2014/486/PESK dwar il-Missjoni ta' Konsulenza tal-Unjoni Ewropea għar-Riforma tas-Settur tas-Sigurtà Ċivili fl-Ukrajna (EUAM Ukraine) (ĠU L 318, 4.12.2015, p. 38).

([3]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2016/712 tat-12 ta' Mejju 2016 li temenda d-Deċiżjoni 2014/486/PESK dwar il-Missjoni ta' Konsulenza tal-Unjoni Ewropea għar-Riforma tas-Settur tas-Sigurtà Ċivili fl-Ukrajna (EUAM Ukraine) (ĠU L 125, 13.5.2016, p. 11).

([4]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2016/2083 tat-28 ta' Novembru 2016 li temenda d-Deċiżjoni 2014/486/PESK dwar il-Missjoni ta' Konsulenza tal-Unjoni Ewropea għar-Riforma tas-Settur tas-Sigurtà Ċivili fl-Ukrajna (EUAM Ukraine) (ĠU L 321, 29.11.2016, p. 55).

L-ammont ta' referenza finanzjarja maħsub biex ikopri n-nefqa relatata mal-EUAM Ukraine għall-perijodu mill-1 ta' Diċembru 2016 sat-30 ta' Novembru 2017 għandu jkun ta' EUR 20 800 000.

L-ammont ta' referenza finanzjarja maħsub biex ikopri n-nefqa relatata mal-EUAM Ukraine għall-perijodu mill-1 ta' Diċembru 2017 sal-31 ta' Mejju 2019 għandu jkun ta' EUR 31 956 069,20.

L-ammont ta' referenza finanzjarja għall-perijodi sussegwenti għandu jiġi deċiż mill-Kunsill.".

(2) fl-Artikolu 19, it-tieni paragrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Għandha tapplika sal-31 ta' Mejju 2019.".

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Għandha tapplika mill-1 ta' Diċembru 2017.

Magħmul fi Brussell, l-20 ta' Novembru 2017.

Għall-Kunsill
Il-President
M. REPS